KUNSILL LOKALI | LOCAL COUNCIL

BORMLA
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 009/2019

20 ta' Novembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | – Sindku |
| Marco Agius | – Vici-Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | – Kunsilliera |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| Melanie Agius Attard | - Kunsilliera |
| James Cauchi | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

## Minuti

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku, ppresjediet l-laqgha

### 09.1 Qari ta' ittri ta' apologija

07.1.1 Ma kienx hemm.

### 09.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

09.2.1 Is-Sindku qrat il-minuti ta' Seduta numru 7.

09.2.2 Is-Sur Martin Vella ghadda proposta biex f'item 07.4.1 qabel il-kliem " Minn informazzjoni li kont inghatajt" jizdied il-kliem "Mistoqsija dwar wardens". Is-Sindku ssekondat u kien hemm votazzjoni unanima

09.2.3 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

09.2.4 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

09.2.5 Is-Sindku qrat il-minuti ta' Seduta numru 8.

09.2.6 Is-Sur Martin Vella ghadda proposta biex f'item 08.1.1 minflok il-kliem " Min-naha tieghu ma kienx jaqbel mal-ghazla" jitpogga il-kliem "Il-bord seta' analizza aktar in-nomini fil-profond". Il-Vici- Sindku ssekonda u kien hemm votazzjoni unanima

09.2.7 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

09.2.8 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

### 09.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

09.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar il-21 ta' Novembru 2019, kienet ser tkun qieghda tittiehed decizjoni mill-Awtorita' tal-Ippjanar b'konnessjoni ma' Applikazzjoni ghall-Izvilupp numru PA07496/16.

09.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien ittella' hekk kif ippjanat Jum Bormla ghas-sena 2019. Filwaqt li rringrazzjat lill-Vici Sindku u l-Kunsillier Vella ghall-isforz li kien sar sabiex tittella' l-attivita', is-Sindku sahqet illi parti mill-attivitajiet kienu ttellghu fis-sala tal-kazin tal-banda peress li t-temp ma kienx ippermetta.

09.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi hekk kif ippjanat rapprezentanza tal-Kunsill Lokali kienet attendiet ghal Jum il-Kottonera, attivita' mtella' mill-Fondazzjoni Kottonera.

09.3.4 Is-Sindku infurmat illi flimkien ma’ numru ta’ Kunsilliera, kienet attendiet ghall-varar tal-istrategija socjali tal-kottonera li kienet inzammet mill-Fondazzjoni Kottonera gewwa l-Forti Sant’ Anglu.

## 09.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

09.4.1 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : Fuq twegiba li kont inghatajt f’laqgha numru 003/2019 mistoqsija numru 03.4.2, jista’ l-Kunsill jispecifika ezatt fejn huwa merfugh l-arblu imsemmi
Is-Segretarju Ezekuttiv qal : Meta inqala l-arblu imsemmi gie merfugh f’xelter li jinsab fi Triq il-Gublew tal-Fidda.

09.4.2 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : Fuq twegiba li kont inghatajt f’laqgha numru 003/2019 mistoqsija numru 03.4.3, jekk il-kunsill ilmentax formalment u x’risposta nghata dwar il-materja.
Is-Segretarju Ezekuttiv qal : Il-Kunsill Lokali gibed l-attenzjoni tal-awtoritajiet koncernati b’mod immedjat wara s-seduta tal-Kunsill Lokali. Sal-gurnata tas-seduta, minkejja li intbaghtet anke reminder ghadha ma waslet ebda risposta dwar il-materja.

09.4.3 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : Xi zviluppi kien hemm fuq dawn il-mozzjonijiet li ghaddew mill-Kunsill – Mozzjoni numru 03.6.4
Ix-xoghol ghadu pendenti. Saret spezzjoni fuq il-post u x-xoghol iddahhal fil-lista ta’ xogholijiet li l-Kunsill Lokali jassenja lill-haddiema manwali.

09.4.4 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : Xi zviluppi kien hemm fuq dawn il-mozzjonijiet li ghaddew mill-Kunsill – Mozzjoni numru 03.6.5
Il-Kunsill Lokali talab laqgha mal-Perit tal-Kunsill Lokali dwar il-materja. Il-laqgha ser tinzamm nhar il-Hamis 21 ta’ Novembru 2019. Ser nitlob illi l-Kunsill Lokali jinghata rapport bil-mkitub dwar it-toroq imsemmija.

09.4.5 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : Xi zviluppi kien hemm fuq dawn il-mozzjonijiet li ghaddew mill-Kunsill – Mozzjoni numru 03.6.6
Il-Kunsill Lokali kien baghat korrispondenza nhar l-20 ta’ Gunju 2019 dwar il-materja. Risposta li l-istess kanun ser ikun impoggi f’postu waslet matul l-istess jum.

## 09.5 Approvazzjoni ta’ skedi ta hlasijiet;

09.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta’ hlasijiet (Skeda nru012/19) ghall-approvazzjoni.

09.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett ssekondata mis-Sur Marco Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta’ hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

**09.6 Mozzjonijiet**

07.6.1 *Mozzjoni numru 014/2019*

Nipproponi illi ghal zmien in-novena tal-festa, nipprovdu transport minghajr hlas ghan-nies.

Proponent : Marco Agius
Sekondant : Noyah Spiteri Hammett

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**9.7 Mili ta' postijiet vakanti**

9.7.1 Is-Sa. Alison Zerafa Civelli infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu saru l-interviews lil dawk li kienu applikaw ghall-vakanza li kien hareg il-Kunsill Lokali ghal impjieg ta' skrivan/a fi skala 15.

F'dan l-istadju u peress li kienu ser ikunu qieghdin jissemmew dettalji tal-applikanti, minhabba *General Data Protection Regulations*, is-Sindku pproponiet illi tigi sospiza s-seduta bil-ghan illi l-Kunsilliera jkollhom cans jevalwaw ir-rapport imhejji mill-bord mahtur mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier James Cauchi ssekonda l-proposta tas-Sindku u kien hemm votazzjoni unanima. Is-seduta giet sospiza fis-6:30p.m.

Is-Seduta tkompliet fis-7:45 p.m.

Is-Sa. Noyah Spiteri Hammett ressqet mozzjoni biex il-Kunsill Lokali jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord u jingaggja bhala skrivana fi skala 15 l-applikanta li kienet gabet l-aktar marki (applikazzjoni numru 2).

**9.8 Sejhiet ghall-Offerti**

9.8.1 Is-Sindku hegget lill-Kunsilliera li kienu gew mahtura bhala evalwaturi fis-sejha ghall-offerti ghaz-zamma u manutenzjoi ta' soft areas sabiex jaghmlu xogholhom fl-iqsar zmien possibbli.

9.8.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien wasal biex jigi ffinalizzat il-process ta' evalwazzjoni ta' sejha ghall-offerti ghar-rigenerazzjoni ta' Grawnds Peppi Delceppo.

9.8.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi nhar it-23 ta' Novembru 2019 kien jaghlaq il-perjodu ta' sottomissjonijiet relatat ma' sejha ghall-kwotazzjonijiet ghal kiri ta' dwal ornamentali ghal zmien il-Milied. Is-Sa. Zerafa Civelli hegget lill-evalwaturi sabiex jaghmlu xogholhom immedjatament peress li d-dawl ried jigi armat f'Dicembru 2019.

9.8.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni kienet qieghda tahdem bil-ghan illi hekk kif maqbul tigi ppublikata sejha ghall-offerti ghall-gbir ta' skart dometiku imhallat/organiku.

**9.9 Attivitajiet**

9.9.1 Is-Sindku tat rendikont tal-arrangament li kienu qieghdin isiru b'konnessjoni mal-festa tal-lokalita' inkluz permessi li kienu inhargu lil kummercjanti u arrangamenti ohra.

9.9.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera bl-arrangamenti li kienu qieghdin isiru b'konnessjoni mal-attivita' Diamonds of Fire li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jtella' matul Dicembru 2019. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi kienu ngabru l-istimi kollha mehtiega u kien ser ikun qieghed jigi kkummissjonat *risk assessment* hekk kif mehtieg.

9.9.3 Is-Sindku stiednet lis-Sur Martin Vella biex jaghti rendikont tal-arrangamenti li kienu qieghdin isiru bil-ghan illi hekk kif ippjanar nhar l-4 ta' Dicembru tittella' 5k run b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali ta' Bormla u MESA. Is-Sur Vella, filwaqt illi ghadda informazzjoni dwar l-arrangamenti logistici li kien hejja informa lill-Kunsill Lokali illi wara laqgha li kellu ma rapprezentanti tal-korp tal-pulizija kien gie stabbilit illi l-ufficjali tal-pulizija ma kienux ser jigu mhallsa mill-Kunsill Lokali. Is-Sur Vella sahaq illi l-Kunsill Lokali kien ghadu qieghed jistenna li jaslu xi stimi relatati mal-istess attivita'. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kelli jinzamm aggornat dwar il-materja.

9.9.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett kienet hadmet bil-ghna illi nhar is-6 ta' Dicembru 2019, tittella' attivita' fi Triq il-Gendus. Is-Sa.Zerafa Civelli stiednet lill-Kunsilliera Spiteri Hammett sabiex taggorna lill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti dwar l-istess attivita'. Is-Sa. Spiteri Hammett filwaqt li ghaddiet rendikont finanzjarju tal-istimi li kienu ingabru, infurmat lill-Kunsill Lokali bid-diskussjonijiet li kienu inzammu ma' diversi entitajiet fosthom il-pulizija u l-arcipriet dwar l-attivita'. Segwiet diskussjoni libera li matulha giet diskussa l-attivita' hekk kif proposta, liema attivita' kienet tinkludi filmat li kien ser ikun qieghed jintwera fuq screen kbir u daqq ta' muzika minn zewg deejays bejn il-11:00 p.m. u nofs il-lejl.

F'dan l-istadju is-Sindku ressqet mozzjoni bil-ghan illi tigi sospiza s-seduta minhabba l-fatt illi kienu ser ikunu qieghdin jigu diskussi u msemmija materji u individwi li ma kienx xieraq li jigu mxandra online. Is-Sur James Cauchi issekonda l-mozzjoni tas-Sindku u kien hemm votazzjoni unanima. Is-Seduta giet sospiza fit-8:05p.m.

Is-Seduta tkompliet fit-8:15p.m.

Is-Sa. Noyah Spiteri Hammett qalet illi hija kienet qieghda tipproponi illi tittella' l-attivita' diskussa u msemmija. Is-Sur Johann Scerri ssekonda l-proposta tal-Kunsilliera Spiteri Hammett. Kien hemm tliet voti favur u erbgha voti kontra.

F'dan l-istadju is-Sindku ghaddiet mozzjoni bil-ghan illi s-seduta titkompla minkejja li kienu ghaddew tliet sieghat mill-bidu tal-istess seduta skont art 43(3) tal-Att dwar il-Gvern Lokali. Is-Sur Marco Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u kien hemm votazzjoni unanima mill-membri prezenti.

9.9.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet ma' rapprezentanti ta' Kor Tota Pulchra b'konnessjoni ma' attivita' li kien qieghed jigi propost li tittella' b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u l-istess Kor Tota Pulchra nhar is-7 ta' Dicembru 2019. Is-Sa. Zerafa ziedet tghid illi fir-rigward il-Kunsill Lokali kien ircieva proposta bid-dettalji tal-attivita' inkluz l-ispejjez li min-naha tal-Kunsill Lokali kellhom jammontaw ghal elf u sitt mitt ewro. Wara diskussjoni libera dwar l-attivita' is-Sur Martin Vella ressaq proposta biex il-Kunsill Lokali jidhol ghall-imsemmija attivita' inkluz in-nefqa rispettiva. Is-Sur Marco Agius issekonda u kien hemm hames voti favur u zewg voti kontra.

9.9.6 Is-Sindku qalet illi l-Kunsilliera Melanie Agius kienet infurmatha illi kienet qieghda taghmel l-arrangamenti mehtiega bil-ghan illi matul Dicembru 2019, jittella' festin ghal tfal li kienu gejjin minn familji bi problemi socjali. Wara li kien hemm diskussjoni qasira dwar il-materja, gie deciz illi s-Sa. Agius kellha tkompli bl-arrangamenti u tinforma lill-Kunsill Lokali b'eventwali zviluppi li seta' jkun hemm dwar il-materja.

**9.10 Rapporti**

9.10.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat bi progett bl-isem ta' NextBike Cottonera project li dwaru kien hemm laqgha mal-Kunsill Lokali tal-Isla, liema kunsill Lokali kien qieghed iressaq il-proposta. Wara li s-Sindku flimkien mas-Sur Martin Vella spjegaw lill-Kunsill Lokali id-dettalji tal-attivita' kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jipprocedi bil-progett.
- Kien hemm qbil illi d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kellu jigi pprovdut b'lista ta' smart bins li l-Kunsill Lokali qabel li ghandhom jigu installati fil-lokalita'.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb li tigi rrangata bankina quddiem fond numru 1, Triq San Gwann.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'hidma li kienet qieghda ssir mis-Sindku flimkien mal-amministrazzjoni bil-ghan illi l-Kunsill Lokali ikun konformi ma' regolamenti dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni.

- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghal spiza ta' mitt ewro bil-ghan illi jsir reklam f'publikazzjoni li kienet ser tkun qieghda tinhareg mill-Banda San Gorg.
- Il-Kunsill Lokali kellu jibghat korrispondenza lil ERA b'konnessjoni ma' talba li kienet waslet minghand residenta sabiex tinqala' palma li kien hemm fi Triq il-Polvrsita, liema talba fl-opinjoni tar-residenta kienet qieghda tkun ta' periklu.
- Kien hemm qbil fil-principju illi l-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' u jiddiskuti proposta ta' progett bl-isem 'Playhouse Project', bil-ghan illi kemm il-darba jkun possibbli l-istess progett jigi implimentat.

9.10.2 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performance appraisal* ghal Assistent Ufficjal Principali ( Skala 10) ghas-sena 2019. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet hidmet l-impjegat mas-Segretarju Ezekuttiv, kien qieghed jigi rakkomandat illi jinghata l-massimu ta' 6% bhala *performance bonus*. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-impjegat kellu jinghata l-massimu tal-performance bonus hekk kif rakkomandat.

9.10.3 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performance appraisal* ghal Assistent Ufficjal Principali ( Skala 11) ghas-sena 2019. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet hidmet l-impjegata mas-Segretarju Ezekuttiv, kien qieghed jigi rakkomandat illi tinghata l-massimu ta' 6% bhala *performance bonus*. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-impjegata kellha jinghata l-massimu tal-performance bonus hekk kif rakkomandat.

9.10.4 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport li kien thejja mill-amministrazzjoni b'konnessjoni ma' *reserved parkings* fil-lokalita'. Fir-rigward, is-Sa. Civelli sahqet illi wara li Transport Malta kienet infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet ser tkun qieghda tiehu hsieb li jsir l-iffriskar ta' *reserved parkings* fil-lokalita', kien sar ezercizzju li permezz tieghu gie vverifikat kull permess li kien hemm. Hija qalet illi r-rizultat tal-ezercizzju kien ser ikun qieghed jintbaghat lil Transport Malta.

**9.11 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

9.11.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-9:19p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghad-9 ta' Dicembru 2019 fis-6:00 p.m.

Konfermati, illum <u>20 ta' Novembru. 2019</u>

<u>IFFIRMATA</u>
**Alison Zerafa Civelli**
Sindku

<u>IFFIRMATA</u>
**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv